MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 84/2012

**Michelangelo Camilleri**
**vs**
**Silvio Falzon**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi bi skrittura datata 24 ta' Gunju, 1993 (Dok A) l-esponent kera l-fond 154 'Rose Marie' Naxxar Road, B'Kara bil-kera llum ta' €13.98 kuljum pagabbli bi tlett xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss hija 24.12.2012

Illi l-intimat naqas li jhallas ghall-ahhar tlett skadenzi u ghalhekk huwa debitur fl-ammont ta' €3,825 u dan minkejja li gie debitament mitlub li jhallas skond il-kuntratt permezz ta' diversi ittri inkluz ittra registrata.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord jordna lill-konvenut;

1. Li jhallas €3,825 rapprezentanti l-ammont dovut ghal tlett skadenzi.

2. u jordna l-izgombrament tal-intimat fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dan il-Bord.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunisdra:

Illi din hija kawza ghar-ripreza ta' fond sussegwenti nuqqas ta' hlas ta' kera kif ukoll ghal-kanonizzazzjoni ta' debitu tal-istess kera. F'din il-kawza, s-sid tal-fond inkwisjtoni adixxa lil dan il-Bord bit-talbiet odjerni wara illi l-intimat kerrej naqas milli jhallas tlett skadenzi ta' kera minkejja li kien debitament intimat permezz ta' ittra registrata esibita in atti. Din hija ittra tas-16 t'Ottubru 2012 fejn l-intimat intalab ihallas tlett skadenzi ta' kera u fin-nuqqas jittiehdu proceduri kontra tieghu ghall-izgumbrament;

Illi din il-kirja torigina minn ftehim tal-24 ta' Gunju 1993, ftehim esebit in atti, bil-klawsola numru 12 tindirizza l-obbligu tal-inkwilin f'kaz ta' morozita fil-hlas ta' zewg skadenzi ta' kera. Issa, kif insenjat mill-gurisprudenza, f'kazijiet konsimili il-Bord m'ghandux jakkontenta ruhu biss mill-akkampata morozita' izda ghandu jezamina ukoll xi ragunijiet li jistghu jiggustifikaw l-inadempjenza tal-kerrerj. Fil-kaz hawn devolut, izda, dan l-ezami ma jistghax isir stante illi l-intimat, debitament notifikat b'dawn il-proceduri, naqas milli jwiegeb jew milli jkun prezenti biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk il-Bord ma kellux il-beneficcju li jisma' lill-kerrej;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------